



European Securities and
Markets Authority

Rapport Finali

**Linji Gwida dwar ir-Rapportar ta' Nuqqas ta' Saldu skont
l-Artikolu 7 tas-CSDR**





Werrej

Linji Gwida dwar ir-Rapportar ta' Nuqqas ta' Saldu skont l-Artikolu 7 tas-CSDR	2
1. Kamp ta' Applikazzjoni.....	2
2. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet.....	2
3. Għan	4
4. Obbligi ta' konformità u rapportar.....	4
5. Linji gwida dwar ir-rapportar ta' nuqqas ta' saldu skont l-Artikolu 7 tas-CSDR ..	5
Anness I – Metodu għall-valutazzjoni u r-rappreżentazzjoni tal-istruzzjonijiet ta' saldu (SIs).....	13
Anness II – Eżempji ta' rapportar ta' nuqqas ta' saldu fuq il-bażi tar-raġuni tan-nuqqas ta' saldu	15
Anness III – Eżempju tal-kalkolu tat-tul ta' żmien medju tan-nuqqas ta' saldu.....	20



Linji Gwida dwar ir-Rapportar ta' Nuqqas ta' Saldu skont l-Artikolu 7 tas-CSDR

1. Kamp ta' Applikazzjoni

Min?

1. Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti nnominati skont l-Artikolu 11 tas-CSDR u għas-CSDs kif definit fl-Artikolu 2(1)(1) tas-CSDR.

Xiex?

2. Dawn il-Linji Gwida japplikaw fir-rigward tal-Artikolu 7(1) tas-CSDR u l-Artikoli 14 u 39 tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu.

Meta?

3. Dawn il-Linji Gwida japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu.

2. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet

Referenzi leġiżlattivi

<i>Regolament tal-ESMA</i>	Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jfassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE ¹
<i>CSDR</i>	Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 ²
RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 tal-25 ta' Mejju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dixxiplina tas-saldu ³

¹ *ĠUL 331, 15.12.2010, p. 84*

² *ĠUL 257, 28.8.2014, p. 1*

³ *ĠUL 230, 13.9.2018, p. 1*



<i>FCD</i>	Id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali ⁴
<i>SFD</i>	Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli ⁵
<i>MiFID II</i>	Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swiegq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE ⁶
<i>MiFIR</i>	Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swiegq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ⁷
<i>MAR</i>	Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE ⁸
<i>SSR</i>	Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu ⁹
Taqsiriet	
<i>CP</i>	Dokument ta' Diskussjoni
<i>CSD</i>	Depożitorju ċentrali tat-titoli
<i>DVP</i>	Kunsenja kontra fflas
<i>DWP</i>	Konsenja bi fflas
<i>ESMA</i>	L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swiegq
<i>FOP</i>	Mingħajr fflas
<i>ISD</i>	Data prevista tas-saldu

⁴ ĠUL 168, 27.06.2002, p. 43

⁵ ĠUL 166, 11.6.1998, p. 45

⁶ ĠUL 173, 12.6.2014, p. 349

⁷ ĠUL 173, 12.6.2014, p. 84

⁸ ĠUL 173, 12.6.2014, p. 1

⁹ ĠUL 86, 24.3.2012, p. 1



KE

Il-Kummissjoni Ewropea

RWP

Ksib bi Ħlas

UE

L-Unjoni Ewropea

3. Għan

4. Dawn il-Linji Gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-ESMA. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jstabbilixxu prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fi ħdan is-SESF u li jiżguraw applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-Artikolu 7(1) tas-CSDR kif ukoll l-Artikoli 14 u 39 tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti rigward in-nuqqas ta' saldu, u l-kontenut ta' tali rappurtar.
5. Skont l-Artikolu 7(1) tas-CSDR, għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera, CSD għandu jstabbilixxi sistema li timmonitorja n-nuqqas ta' saldu tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1). Dan għandu jipprovdi rapporti regolari lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet rilevanti, fir-rigward tal-għadd u d-dettalji tan-nuqqas ta' saldu u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, inkluż il-miżuri previsti mis-CSDs u l-parteċipanti tagħhom sabiex itejbu l-effiċjenza tas-saldu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu mal-ESMA kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar nuqqas ta' saldu.
6. L-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu tispeċifika d-dettalji tar-rapporti dwar in-nuqqas ta' saldu msemmija fl-Artikolu 7(1) tas-CSDR.
7. B'mod partikolari, fir-rigward tal-Artikoli 14 u 39 tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu, l-għan ta' dawn il-Linji Gwida huwa li jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-*data* li għandha tiġi rrapportata mis-CSDs, ir-rappreżentazzjoni u l-valwazzjoni tal-istrumenti finanzjarji, kif ukoll kif għandu jiġi rrapportat in-nuqqas ta' saldu abbażi tar-raġuni (il-kawża) tan-nuqqas ta' saldu.

4. Obbligi ta' konformità u rappurtar

Status tal-linji gwida

8. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u s-CSDs għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida.
9. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-Linji Gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fl-oqfsa legali u/jew superviżorji nazzjonali tagħhom kif xieraq, inkluż fejn linji gwida partikolari huma diretti primarjament lejn is-CSDs. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw permezz tas-superviżjoni tagħhom li s-CSDs jikkonformaw mal-linji gwida.

Rekwiżiti ta' rapportar

10. Fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-Linji Gwida għandhom jinnotifikaw lill-ESMA jekk (i) jikkonformawx, (ii) ma jikkonformawx, iżda għandhom l-intenzjoni li jikkonformaw, jew (iii) ma jikkonformawx u m'għandhomx l-intenzjoni li jikkonformaw mal-linji gwida.
11. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jinnotifikaw lill-ESMA fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE bir-raġunijiet tagħhom għaliex ma jikkonformawx mal-linji gwida.
12. Mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA. Ladarba jimtela l-mudell, dan għandu jintbagħat lill-ESMA.
13. Is-CSDs mhumiex meħtieġa jirrapportaw jekk jikkonformawx ma' dawn il-Linji Gwida.

5. Linji gwida dwar ir-rapportar ta' nuqqas ta' saldu skont l-Artikolu 7 tas-CSDR

I. Kamp ta' applikazzjoni tad-*data* li għandha tiġi rrapportata mis-CSDs

14. **Linja Gwida 1:** Meta jirrapporta għand l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet rilevanti skont l-Artikolu 7(1) tas-CSDR, CSD għandu jibgħat rapporti separati għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jħaddem, li jkopru l-istrumenti finanzjarji kollha msemmija fl-Artikolu 5(1) tas-CSDR, irregjistrati fis-CSD, esklużi l-ishma li għandhom iċ-ċentru prinċipali għan-negozjar li jinsab f'pajjiż terz.
15. Skont l-Artikolu 7(13) tas-CSDR, fir-rapporti s-CSDs ma għandhomx jinkludu *data* dwar ishma li għalihom iċ-ċentru prinċipali għan-negozjar jinsab f'pajjiż terz. Għall-fini tad-determinazzjoni tal-post taċ-ċentru prinċipali għan-negozjar ta' ishma skont l-Artikolu 16 tal-SSR, is-CSDs għandhom jużaw il-Lista ta' Ishma Eżentati skont il-Qafas Legali tal-Bejgħ bin-Nieqes¹⁰ ippubblikata mill-ESMA.
16. Sabiex jirrapportaw strumenti finanzjarji skont il-kategoriji msemmija fl-Artikolu 13(1)(c) tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu, is-CSDs jistgħu jużaw is-Sistema ta' *Data* ta' Referenza tal-Istrumenti Finanzjarji (FIRDS)¹¹ ippubblikata mill-ESMA skont l-Artikolu 27 tal-MiFIR u l-Artikolu 4 tal-MAR, u s-Servizz ta' Lookup ISIN ANNA¹² biex jiksbu l-kodiċijiet¹³ CFI. Is-CSDs jistgħu jużaw tabella tal-immappjar bil-kodiċijiet CFI ippubblikati mill-ECSDA għall-finijiet tal-implimentazzjoni tas-CSDR.

¹⁰ https://registers.esma.europa.eu/publication/searchRegister?core=esma_registers_mifid_shsexs

¹¹ https://registers.esma.europa.eu/publication/searchRegister?core=esma_registers_firds

¹² <https://www.anna-web.org/standards/isin-iso-6166/>

¹³ Klassifikazzjoni tal-Istrumenti Finanzjarji – ISO 10962

17. Is-CSDs għandhom jirrapportaw l-istruzzjonijiet ta' saldu kollha li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tas-CSDR, irrispettivament minn jekk dawn jirrigwardawx tranżazzjonijiet li huma eżegwiti f'ċentru tan-negozjar jew tranżazzjonijiet OTC.
18. **Linja Gwida 2:** Għall-fini tar-rapporti dwar in-nuqqas ta' saldu skont l-Artikolu 7(1) tas-CSDR, CSD jenħtieġ li jqis l-istruzzjonijiet ta' saldu mqabbla kollha mdaħħla fis-sistema ta' saldu tat-titoli li jopera, kif ukoll l-istruzzjonijiet imsemmija fil-punt c) tal-Artikolu 5(2) tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu li għalihom mhuwiex meħtieġ it-tqabbil.

II. Parametri tar-rapportar tad-*data*

19. **Linja Gwida 3:** It-terminu “volum” fir-rigward tal-istruzzjonijiet ta' saldu msemmija fl-Annessi għall-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu jenħtieġ li jinqara bħala “l-għadd ta' struzzjonijiet ta' saldu”.
20. **Linja Gwida 4:** Ir-rapporti dwar in-nuqqas ta' saldu skont l-Artikolu 7(1) tas-CSDR kif issupplimentati mill-Artikolu 14 tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu għandhom jinkludu l-għadd u l-valur tal-istruzzjonijiet saldati matul il-perjodu kopert mir-rapporti, li jistgħu jiġu kkalkulati billi jitnaqqas l-għadd u l-valur tan-nuqqas ta' saldu min-numru u l-valur tal-istruzzjonijiet ta' saldu.
21. **Linja Gwida 5:** L-istruzzjonijiet ta' saldu jenħtieġ li jitqiesu bħala “struzzjonijiet ta' saldu li jfallu” (u inklużi fid-*data* dwar “nuqqas ta' saldu”) mill-mument meta s-saldu fid-*data* tas-saldu ppjanata (ISD) ma jibqax possibbli minħabba nuqqas ta' titoli jew kontanti u irrilevanti mill-kawża sottostanti.
22. L-istruzzjonijiet ta' saldu (sottomessi sal-*ħin* ta' limitu rilevanti) għandhom jiġu inklużi fid-*data* dwar “nuqqas ta' saldu” jekk ikunu għadhom pendenti wara li jkun tlesta ċ-ċiklu tas-saldu rilevanti. Il-*ħin* ta' limitu huwa mifhum bħala l-iskadenza stabbilita minn operatur tas-sistema għall-aċċettazzjoni ta' struzzjonijiet ta' saldu għal ċiklu partikolari ta' saldu, għall-istruzzjonijiet ta' saldu rilevanti, jiġifieri jista' jkun hemm *ħinijiet* ta' limitu differenti għal struzzjonijiet ta' saldu differenti.
23. Jekk, matul perjodu kopert minn rapport, struzzjoni ta' saldu tonqos milli jkollha saldu għal diversi jiem ta' negozju wara l-ISD, inkluż fil-każ fejn l-istruzzjoni tas-saldu tiġi kkanċellata wara l-*ħin* ta' limitu rilevanti, din għandha tiġi rrapportata bħala “falluti” billi jitqies kull jum ta' negozju meta tonqos milli ssalda. Għandu jiġi rrapportat bħala “saldat” jekk jiġi saldat matul il-perjodu kopert mir-rapport.
24. Struzzjonijiet ta' saldu li jiġu kkanċellati qabel il-*ħin* limitu rilevanti jenħtieġ li ma jiġux irrapportati la fil-kategorija “totali” u lanqas fil-kategorija “falluti” (għall-jum biss meta l-istruzzjonijiet ta' saldu jiġu kkanċellati u biss għall-parti tal-istruzzjonijiet tas-saldu li tiġi kkanċellata).
25. **Linja Gwida 6:** Ir-rata ta' nuqqas ta' saldu jenħtieġ li tiġi kkalkulata billi jitqies ukoll in-nuqqas ta' saldu rikorrenti (jiġifieri nuqqas ta' saldu li jdum aktar minn jum ta' negozju wieħed).
26. Għaċ-ċifri aggregati inklużi fir-rapporti ta' kull xahar skont it-Tabella 1 tal-Anness I għall-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu, is-CSDs jenħtieġ li jqisu s-somma tal-għadd jew tal-valur, rispettivament, tal-istruzzjonijiet ta' saldu individwali eliġibbli għas-saldu f'kull jum ta' negozju tax-xahar.

27. Jekk jogħġbok ara l-eżempju li ġej għan-numru ta' struzzjonijiet ta' saldu ("struzzjonijiet ta' saldu (SIs) imdaħħla" qed jintwerew għal skopijiet ta' illustrazzjoni biss). Ir-rata ta' nuqqas ta' saldu f'jum ta' negozju speċifiku tiġi kkalkulata kif ġej: l-SIs li f'leww f'jum ta' negozju diviż bl-SIs totali f'jum ta' negozju (l-istruzzjonijiet ta' saldu jista' jkollhom ISD daqs il-jum ta' negozju attwali jew il-jiem ta' negozju preċedenti).

Struzzjonijiet b'saldu u b'nuqqas ta' saldu (bbażati fuq il-volum – l-għadd ta' struzzjonijiet)							
	Kuljum					Kull xahar	
	Jum 1	Jum 2	Jum 3	Jum 4		4 ijiem	
Saldati	3	2	5	4		14	Saldati
Falluti	1	2	3	1		7	Falluti
Total	4	4	8	5		21	Total
Rata ta' nuqqas ta' saldu	25 %	50 %	35.50 %	20 %		33.33 %	Rata ta' nuqqas ta' saldu
SIs imdaħħla	4	3	6	2		15	SIs imdaħħla
SIs irriċiklati	0	1	2	3		6	SIs irriċiklati

28. **Linja Gwida 7:** Għall-fini tar-rapporti dwar in-nuqqas ta' saldu skont l-Artikolu 7(1) tas-CSDR, CSD għandu jirrapporta struzzjoni saldata parzjali kemm bħala falluta kif ukoll bħala saldata, sakemm l-istruzzjoni tas-saldu ma tkunx kompletament saldata.
29. Jekk jogħġbok ara l-eżempju li ġej biex turi l-approċċ propost: Struzzjoni DVP bil-kontrollur ta' EUR 100 parzjalment saldata għal EUR 50 fl-ISD, EUR 20 fl-ISD+1 u EUR 30 għal saldu sħiħ fl-ISD+3.

Ammonti kumulattivi tas-saldu

ISD	ISD+1	ISD+2	ISD+3
50/100	70/100	70/100	100/100

Il-loġika tar-rapportar:

Volom (numru): L-istruzzjoni tas-saldu tiġi rrapportata bħala falluta sakemm ma tkunx kompletament saldata, u kif saldata għal kull jum ta' negozju meta l-istruzzjoni tiġi saldata, parzjalment jew kompletament.

Valur: Għal kull jum ta' negozju li fih struzzjoni ta' saldu ma tiġix saldata b'mod sħiħ, il-valur saldat parzjalment f'dak il-jum jiġi rrapportat bħala saldat, il-valur li jifdal li għandu jiġi saldat jiġi rrapportat bħala nuqqas ta' saldu.

Rapportar tal-parti bis-saldu u tal-parti b'nuqqas ta' saldu									
	Volum					Valur			
	ISD 50/100	ISD+1 70/100	ISD+2 70/100	ISD+3 100/100		ISD 50/100	ISD+1 70/100	ISD+2 70/100	ISD+3 100/100
Saldati	1	1	0	1		50	20	0	30
Falluti	1	1	1	0		50	30	30	0
Total	2	2	1	1		100	50	30	30
Rata ta' nuqqas ta' saldu	50 %	50 %	100 %	0 %		50 %	60 %	100 %	0 %

30. **Linja Gwida 8:** Is-CSDs għandhom jirrapportaw struzzjonijiet li jaqblu tard bħala nuqqas ta' saldu għal kull jum ta' negozju mill-ISD.

31. Jekk jogħġbok ara l-eżempju li ġej: struzzjoni DVP b'kontrovalur ta' EUR 100 taqbel fl-ISD+3 u tiġi saldata fl-istess ġurnata (il-falliment ta' tqabbil tard huwa rifless daqslikieku ddaħħal fl-ISD, kemm għat-tqassim ta' kull xahar kif ukoll għal dak ta' kuljum, skont it-Tabelli 1 u 2 tal-Anness I għall-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu).

Rapportar bħala saldati u falluti għal jiem ta' saldu preċedenti									
	Volum					Valur			
	ISD	ISD+1	ISD+2	ISD+3		ISD	ISD+1	ISD+2	ISD+3
Saldati	0	0	0	1		0	0	0	100
Falluti	1	1	1	0		100	100	100	0
Total	1	1	1	1		100	100	100	100
	Volum ta' Kull Xahar					Valur ta' Kull Xahar			
Saldati				1					100
Falluti				3					300
Total				4					400
Rata ta' nuqqas ta' saldu				75 %					75 %

32. Jekk ikun hemm diskrepanzi sinifikanti bejn ir-rapport annwali u ċ-ċifri aggregati fir-rapporti ta' kull xahar, is-CSDs għandhom jivverifikaw ir-raġunijiet għad-diskrepanzi u għandhom jerġġhu jissottomettu r-rapporti kkoreġuti.

33. **Linja Gwida 9:** Is-CSDs għandhom ikopru l-valur tal-istruzzjonijiet ta' saldu kollha, fejn kull struzzjoni ta' saldu tirrappreżenta l-valur tal-komponent tat-titoli tagħha jew tal-komponent tal-kontanti tagħha.

34. Jekk jogħġbok ara l-Anness I għal aktar dettalji dwar il-metodu għall-valutazzjoni u r-rappreżentazzjoni tal-istruzzjonijiet ta' saldu li għandhom jintużaw mis-CSDs.

35. **Linja Gwida 10:** Għall-fini tad-*data* ta' kuljum imsemmija fit-Tabella 2 tal-Anness I għall-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu (Tabella 2), sabiex issir distinzjoni bejn nuqqas ta' saldu minħabba "nuqqas ta' twassil ta' titoli" u dak minħabba "nuqqas ta' twassil ta' kontanti", is-CSDs għandhom iqisu r-raġuni (kawża) ta' kull nuqqas ta' saldu, fil-format imsemmi fil-Linja Gwida 17.

36. Il-volum u l-valur tal-istruzzjonijiet ta' saldu kollha għandhom jiġu rrapportati bħala "Struzzjonijiet Totali" kemm taħt "nuqqas ta' twassil ta' titoli" kif ukoll "nuqqas ta' twassil ta' kontanti".
37. Il-volum u l-valur tal-istruzzjonijiet ta' saldu kollha li jiġu saldati għandhom jiġu rrapportati bħala "Struzzjonijiet Saldati" kemm taħt "nuqqas ta' twassil ta' titoli" kif ukoll "nuqqas ta' twassil ta' kontanti".
38. Għall-kuntrarju, il-volum u l-valur tal-istruzzjonijiet ta' saldu kollha li mhumiex saldati għandhom jiġu rrapportati biss bħala "Nuqqas ta' saldu" fit-taqsimha rilevanti ("nuqqas ta' twassil ta' kontanti" u "nuqqas ta' twassil ta' titoli"), skont ir-raġuni (kawża) ta' kull nuqqas ta' saldu.
39. Is-CSD jenħtieġ li l-ewwel jiċċekkja l-parti tat-titoli u, jekk ikun hemm nuqqas ta' saldu, ma jkun jeħtieġ li jitwettaq l-ebda kontroll ulterjuri fuq il-parti tal-kontanti.
40. Fir-rigward **tal-istruzzjonijiet ta' saldu DVP/RVP** li mhumiex saldati, jekk ikun hemm nuqqas ta' saldu minħabba n-nuqqas ta' twassil ta' titoli (inkluż fejn l-istruzzjoni DVP tkun posposta), iż-żewġ struzzjonijiet ta' saldu DVP/RVP għandhom jiġu rrapportati fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' titoli". L-istess japplika fil-każ ta' tqabbil tard, fejn il-parteċipant li jwassal (it-titoli) ikun qabel il-par ta' struzzjonijiet ta' saldu korrispondenti l-aħħar.
41. Jekk ikun hemm nuqqas ta' saldu minħabba n-nuqqas ta' twassil ta' kontanti (inkluż fejn l-istruzzjoni RVP tkun posposta), iż-żewġ struzzjonijiet ta' saldu għandhom jiġu rrapportati fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' kontanti". L-istess japplika fil-każ ta' tqabbil tard, fejn il-parteċipant li jkun qed iwassal (kontanti) ikun qabel il-par ta' struzzjonijiet ta' saldu korrispondenti l-aħħar.
42. Jekk iż-żewġ struzzjonijiet ta' saldu DVP/RVP huma posposti u fil-każ ta' struzzjonijiet ta' tqabbil tard li jiddaħħlu fis-sistema kif diġà mqabbla, għandha tiġi rrapportata struzzjoni waħda ta' saldu fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' titoli" u struzzjoni ta' saldu waħda għandha tiġi rrapportata fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' kontanti".
43. Fir-rigward **tal-istruzzjonijiet ta' saldu DWP/RWP** li mhumiex saldati, jekk ikun hemm nuqqas ta' saldu minħabba n-nuqqas ta' twassil ta' titoli, iż-żewġ struzzjonijiet ta' saldu għandhom jiġu rrapportati fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' titoli".
44. Jekk ikun hemm nuqqas ta' saldu minħabba n-nuqqas ta' twassil ta' kontanti, iż-żewġ struzzjonijiet ta' saldu DWP/RWP għandhom jiġu rrapportati fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' kontanti".
45. Jekk waħda jew iż-żewġ struzzjonijiet ta' saldu DWP/RWP huma posposti, struzzjoni ta' saldu waħda għandha tiġi rrapportata fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' titoli" u struzzjoni ta' saldu waħda għandha tiġi rrapportata fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' kontanti". L-istess japplika fil-każ ta' tqabbil tard, indipendentement mill-parteċipant li jkun qabel il-par ta' struzzjonijiet ta' saldu korrispondenti l-aħħar.
46. Meta n-nuqqas ta' saldu jirreferi għal **struzzjonijiet ta' saldu DPFOD/CPFOD**, inkluż fejn l-istruzzjonijiet ta' saldu jkunu posposti, iż-żewġ struzzjonijiet ta' saldu għandhom jiġu rrapportati fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' kontanti". L-istess japplika fil-każ ta' tqabbil tard, indipendentement mill-parteċipant li jkun qabel il-par ta' struzzjonijiet ta' saldu korrispondenti l-aħħar.

47. Meta n-nuqqas ta' saldu jirreferi għal **struzzjonijiet ta' saldu DFP/RFP**, inkluż fejn l-istruzzjonijiet ta' saldu jkunu posposti, iż-żewġ struzzjonijiet ta' saldu għandhom jiġu rrapportati fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' titoli. L-istess japplika fil-każ ta' tqabbil tard, indipendentement mill-parteċipant li jkun qabbel il-par ta' struzzjonijiet ta' saldu korrispondenti l-aħħar.
48. Għal aktar dettalji dwar kif tirrapporta nuqqas ta' saldu għat-tipi differenti ta' struzzjonijiet ta' saldu, jekk jogħġbok ara l-eżempji inklużi fl-Anness II.
49. **Linja Gwida 11:** It-tul ta' żmien medju tan-nuqqas ta' saldu li għandu jiġi rrapportat mis-CSDs skont il-linja 41 tat-Tabella 1 tal-Anness I għall-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu (id-differenza bejn id-data tas-saldu effettiva u d-data tas-saldu pplanata, ippeżata għall-valur tan-nuqqas ta' saldu) għandha tiġi kkalkulata kif ġej:
- Is-somma tal-valuri ta' kull nuqqas ta' saldu rrapportat fil-perjodu ta' rapportar attwali (kemm jekk l-USD taqa' fl-istess perjodu ta' rapportar kif ukoll jekk le) diviża bis-somma tal-valuri tan-nuqqas ta' saldu fl-USD irrapportati fil-perjodu ta' rapportar attwali (l-USD taqa' fl-istess perjodu ta' rapportar).
- Jekk jogħġbok ara l-eżempju fl-Anness III.
50. **Linja Gwida 12:** Ir-rapporti ta' kull xahar dwar in-nuqqas ta' saldu msemmi fl-Artikolu 14(1) tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu jenħtieġ li jinkludu biss il-jiem ta' negozju tax-xahar rispettiv.
51. **Linja Gwida 13:** F'konformità mal-Artikolu 14(1) tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu, il-valuri kollha inklużi fir-rapporti dwar in-nuqqas ta' saldu msemmi fih jenħtieġ li jiġu pprovduti f'EUR.
52. Għad-*data* għal kull munita li fiha huma ddenominati l-istruzzjonijiet ta' saldu li għandha tiġi inkluża fir-rapporti ta' kull xahar skont it-Tabella 1 tal-Anness I għall-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu, is-CSDs jenħtieġ li jipprovdur l-valuri f'EUR, filwaqt li jispeċifikaw il-munita oriġinali.
- Jekk jogħġbok ara l-eżempju li ġej rigward il-punt 22 tat-Tabella 1 tal-Anness I għall-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu:
- Il-valur tal-istruzzjonijiet ta' saldu għal kull munita li fiha huma ddenominati l-istruzzjonijiet ta' saldu matul il-perjodu kopert mir-rapport -> "Munita = USD, Valur = 500 000"* ifisser li l-valur tal-istruzzjonijiet ta' saldu ddenominati f'USD kien ta' EUR 500 000.
53. **Linja Gwida 14:** L-ewwel 10 parteċipanti diretti bl-ogħla rati ta' nuqqas ta' saldu u l-aqwa 20 ISIN li huma l-oġġett ta' nuqqas ta' saldu (kif imsemmi fil-kaxxi 17-18 u 37-38, rispettivament, tat-Tabella 1 tal-Anness I għall-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu), jenħtieġ li jiġu elenkati billi tibda bl-ogħla rata ta' nuqqas ta' saldu.
54. Sabiex tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni (skont ir-rati tan-nuqqas ta' saldu bbażati fuq il-valur u l-għadd ta' nuqqas ta' saldu), is-CSDs jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw aktar minn żewġ punti deċimali (għalkemm, għal skopijiet ta' rapportar, is-CSDs iridu jirrapportaw ir-rati tan-nuqqas ta' saldu bħala perċentwali sa żewġ punti deċimali).

F'każ ta' voti ndaqs fl-20 grad jew fl-10 grad, jiġu rrapportati aktar minn 20 entrata jew minn 10 entrati, rispettivament.

Jekk jogħġbok ara l-eżempju li ġej:

- 1 – Parteċipant A
- 2 – Parteċipant B
- 3 – Parteċipant C
- 4 – Parteċipant D

...

- 10 – Parteċipant X
- 11 – Parteċipant Y

(Il-parteċipanti X u Y huma ndaqs fl-10 grad, għalhekk it-tnejn li huma għandhom jiġu rrapportati; sabiex jiġi ddeterminat liema għandu jiġi rrapportat bħala kklassifikat fl-10 post u liema għandu jiġi rrapportat bħala kklassifikat fil-11-il post, tista' tintuża l-ordni alfabetika tal-ismijiet tal-parteċipanti.)

55. **Linja Gwida 15:** Is-CSDs għandhom jibagħtu *data* dwar l-għadd u l-valur tal-penali f'kontanti (kif imsemmi fil-kaxxi 39 u 40 tat-Tabella 1 tal-Anness I għall-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu) fir-rigward tal-penali pproċessati (jiġifieri miġbura u mqassma) matul ix-xahar ta' rapportar li jkopri x-xahar preċedenti.
56. L-għadd ta' penali f'kontanti li għandhom jiġu rrapportati jenħtieġ li jirrifletti l-għadd ta' struzzjonijiet ta' saldu li jirreferu għal parteċipanti li jfallu.

Jekk jogħġbok ara l-eżempju hawn taħt:

Hemm dan in-nuqqas ta' saldu li ġejjin: 2 struzzjonijiet DVP biex jingħataw 50 titolu u jirċievu EUR 100, u 2 struzzjonijiet RVP korrispondenti biex jirċievu 50 titolu u jħallsu EUR 100. Kull par ta' struzzjonijiet ta' saldu (DVP/RVP) ifalli għan-nuqqas ta' kapaċità tal-parteċipant(i) li jwasslu t-titoli. L-għadd ta' penali rrapportati għandu jkun 2 (iż-2 struzzjonijiet DVP biex jitwasslu 50 titolu u jiġu riċevuti EUR 100).

57. **Linja Gwida 16:** Dawn il-Linji Gwida għandhom japplikaw ukoll għall-fini li jiġu ddeterminati parteċipanti meqjusa li jfallu b'mod konsistenti u sistematiku biex iwasslu f'sistema ta' saldu tat-titoli, kif imsemmi fl-Artikolu 7(9) tas-CSDR u fl-Artikolu 39 tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu.

III. Il-proċess għall-preżentazzjoni tar-rapporti dwar in-nuqqas ta' saldu

58. **Linja Gwida 17:** L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibagħtu lill-ESMA r-rapporti kollha li jirċievu mis-CSDs fil-ġurisdizzjoni tagħhom skont l-Artikolu 7(1) tas-CSDR kif issupplimentat mill-Artikolu 14 tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu.
59. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li s-CSDs jissottomettu r-rapporti ta' kull xahar u annwali skont l-Artikolu 7(1) tas-CSDR u l-Artikolu 14 tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu f'format XML u bl-użu tal-mudelli żviluppati skont il-metodoloġija ISO 20022, maqbula u kkomunikati mill-ESMA lill-awtoritajiet kompetenti, li mbagħad għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti meta jissottomettu d-*data* lill-ESMA.
60. Wara l-kontrolli ta' validazzjoni mwettqa mis-sistema tal-IT iddedikata tal-ESMA, bħal regoli ta' validazzjoni tat-trażmissjoni tad-*data* (eż. fajl mhux korrott), regoli ta' validazzjoni tal-format tad-*data* (eż. jirrispettaw l-iskema tal-XSD ISO-20022), u r-regoli



dwar il-validazzjoni tal-kontenut tad-*data*, l-awtoritajiet kompetenti se jirċievu fajl ta' feedback li jikkonferma r-riċeviment jew in-notifika tal-iżbalji ta' validazzjoni.

61. F'każ ta' żbalji ta' validazzjoni notifikati mill-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw id-*data* mas-CSDs u għandhom jipprovdu feedback lill-ESMA. Jekk ikun meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jerġgħu jissottomettu d-*data* kkoreġuta lill-ESMA.
62. F'konformità mal-Artikolu 14(1) tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu, is-CSDs għandhom jibagħtu rapporti ta' kull xahar dwar in-nuqqas ta' saldu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom u lill-awtoritajiet rilevanti sal-għeluq tan-negozju fil-ħames jum ta' negozju tax-xahar ta' wara. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu r-rapporti rispettivi lill-ESMA malajr kemm jista' jkun wara li jkunu rċevewhom, iżda mhux aktar tard mill-għaxar jum ta' negozju tax-xahar.
63. L-ewwel rapporti ta' kull xahar li għandhom jintbagħtu mis-CSDs għandhom ikopru x-xahar inkluż id-*data* tad-dħul fis-seħħ tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu (eż. jekk id-dħul fis-seħħ ikun fl-1 ta' Frar, imbagħad l-ewwel rapport ta' kull xahar għandu jintbagħat mis-CSDs sal-għeluq tan-negozju fil-ħames jum ta' negozju f'Marzu, li jkopri d-*data* għax-xahar ta' Frar).
64. Skont l-Artikolu 14(2) tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu, sal-20 ta' Jannar ta' kull sena, is-CSDs għandhom jibagħtu rapporti annwali dwar in-nuqqas ta' saldu, inklużi l-miżuri ppjanati jew meħuda mis-CSDs u l-parteciċipanti tagħhom sabiex itejbu l-effiċjenza tas-saldu tas-sistemi ta' saldu tat-titoli li jħaddmu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu r-rapporti rispettivi lill-ESMA malajr kemm jista' jkun wara li jkunu rċevewhom, iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar ta' kull sena.
65. L-ewwel rapporti annwali li għandhom jintbagħtu mis-CSDs għandhom ikopru s-sena inkluża d-*data* tad-dħul fis-seħħ tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu (eż. jekk id-dħul fis-seħħ ikun fl-1 ta' Frar, imbagħad l-ewwel rapport annwali għandu jintbagħat mis-CSDs sal-20 ta' Jannar tas-sena ta' wara, li jkopri d-*data* għas-sena preċedenti li tibda mid-dħul fis-seħħ tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu).

Anness I – Metodu għall-valutazzjoni u r-rappreżentazzjoni tal-istruzzjonijiet ta' saldu (SIs)

L-SIs jirrappreżentaw il-valur tal-SIs kollha (komponent wieħed għal kull SI)

Tip ta' struzzjoni	Rappreżentazzjoni / Valutazzjoni
DVP/RVP	<p>Hemm komponent tat-titoli u komponent tal-kontanti għal kull par ta' SIs</p> <p>Il-komponent tat-titoli jista' jiġi assoċjat konvenzjonalment mal-SI DVP, filwaqt li l-komponent tal-kontanti jista' jiġi assoċjat konvenzjonalment mal-SI RVP</p> <p>Kull SI hija vvalutata bħala l-ammont tas-saldu tal-SI nnifsha (*)</p> <p>Kull par ta' SIs huwa rrapreżentat bħala d-doppju tal-ammont tas-saldu ta' kull SI</p> <p>L-SIs DVP u RVP kollha għandhom jiġu kkunsidrati taħt ir-reġim tal-SFR u kull SI għandha tiġi vvalutata bħala l-ammont tas-saldu tal-SI nnifsha</p>
DWP/ RWP	<p>Hemm komponent tat-titoli u komponent tal-kontanti għal kull par ta' SIs</p> <p>Il-komponent tat-titoli jista' jiġi assoċjat konvenzjonalment mal-SI DWP, filwaqt li l-komponent tal-kontanti jista' jiġi assoċjat konvenzjonalment mal-SI RWP</p> <p>Kull SI hija vvalutata bħala l-ammont tas-saldu tal-SI nnifsha</p> <p>Kull par ta' SIs huwa rrapreżentat bħala d-doppju tal-ammont tas-saldu ta' kull SI</p> <p>L-SIs DWP u RWP kollha għandhom jiġu kkunsidrati taħt ir-reġim tal-SFR u kull SI għandha tiġi vvalutata bħala l-ammont tas-saldu tal-SI nnifsha</p>
DPFOD/CPFOD	<p>Kull SI hija vvalutata bħala l-ammont tas-saldu tal-SI nnifsha</p> <p>Kull par ta' SIs huwa rrapreżentat bħala d-doppju tal-ammont tas-saldu ta' kull SI</p> <p>L-SIs DPFOD u CPFOD kollha għandhom jiġu kkunsidrati taħt ir-reġim tal-SFR u kull SI għandha tiġi vvalutata bħala l-ammont tas-saldu tal-SI nnifsha</p>
DFP/RFP	<p>Kull SI hija vvalutata bħala l-valur tas-suq tat-titoli li għandhom jiġu kkonsenjati/riċevuti (**)</p>

	<p>Kull par ta' SIs huwa rrappreżentat bħala d-doppju tal-valur tas-suq tat-titoli li għandhom jiġu kkonsenjati/riċevuti</p> <p>L-SIs DFP u RFP kollha għandhom jiġu kkunsidrati taħt ir-reġim tal-SFR u kull SI għandha tiġi vvalutata bħala l-valur tas-suq tat-titoli li għandhom jiġu kkonsenjati/riċevuti</p>
--	---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

(*) L-Artikolu 14(4)(a) tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu

(**) L-Artikolu 14(4)(b) tal-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu

Annex II – Eżempji ta' rappurtar ta' nuqqas ta' saldu fuq il-bażi tar-raġuni tan-nuqqas ta' saldu

1) Struzzjonijiet ta' Saldu (SIs) DVP/RVP

Il-valur ta' par ta' SIs DVP/ RVP għandu jiġi rrapportat kif ġej:

- a) Id-doppju tal-ammont tas-saldu ta' SI, fl-"istruzzjonijiet totali"
- b) F'każ ta' nuqqas ta' saldu:
 - i) id-doppju tal-ammont ta' saldu ta' SI, fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' titoli" (jekk ir-raġuni għan-nuqqas ta' saldu tkun in-nuqqas ta' twassil ta' titoli) jew
 - ii) id-doppju tal-ammont tas-saldu ta' SI, fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' kontanti" (jekk ir-raġuni għan-nuqqas ta' saldu tkun in-nuqqas ta' twassil ta' kontanti) jew
- c) Fil-każ ta' SIs posposti miż-żewġ parteċipanti:
 - i) l-ammont ta' saldu ta' SI, fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' titoli" u
 - ii) l-ammont ta' saldu ta' SI, fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' kontanti"

Il-volum (numru) ta' par ta' SIs DVP/ RVP għandu jiġi rrapportat kif ġej:

- a) 2 SIs, fl-"istruzzjonijiet totali"
- b) F'każ ta' nuqqas ta' saldu:
 - i) 2 SIs, fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' titoli" (jekk ir-raġuni għan-nuqqas ta' saldu tkun in-nuqqas ta' twassil ta' titoli) jew
 - ii) 2 SIs, fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' kontanti" (jekk ir-raġuni għan-nuqqas ta' saldu tkun in-nuqqas ta' twassil ta' kontanti) jew
- c) Fil-każ ta' SIs posposti miż-żewġ parteċipanti:
 - i) SI waħda (1), fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' titoli" u
 - ii) SI waħda (1), fit-taqsimha "nuqqas ta' twassil ta' kontanti"

Eżempji:¹⁴

- ✓ Struzzjoni DVP waħda (1) biex jingħataw 50 titolu u jirċievu EUR 100, u struzzjoni RVP korrispondenti biex jirċievu 50 titolu u jħallsu EUR 100
- ✓ Numru totali ta' SIs DVP/RVP = 10 (5 DVP u 5 RVP)
- ✓ Valur totali tat-titoli għal SIs DVP/RVP = EUR 1 000 (ibbażat fuq l-ammont tas-saldu tal-parti tal-kontanti)
- ✓ *Nuqqas ta' saldu:* Struzzjoni DVP waħda (1) biex jingħataw 50 titolu u jirċievu EUR 100, u struzzjoni RVP korrispondenti biex jirċievu 50 titolu u jħallsu EUR 100 (2 struzzjonijiet ta' saldu għal valur ta' EUR 100 kull waħda)
 - a) nuqqas ta' saldu minħabba nuqqas ta' twassil ta' titoli
 - b) nuqqas ta' saldu minħabba nuqqas ta' twassil ta' kontanti
 - c) nuqqas ta' saldu minħabba li SIs ġew posposti miż-żewġ parteċipanti (nuqqas ta' saldu minħabba nuqqas ta' twassil ta' titoli u nuqqas ta' twassil ta' kontanti)

2) SIs DWP/RWP

Il-valur ta' par ta' SIs DWP/ RWP għandu jiġi rrapportat kif ġej:

- a) Id-doppju tal-ammont tas-saldu ta' SI, fl-"istruzzjonijiet totali"

¹⁴ Għall-fini ta' dan l-eżempju, nassumu li l-SIs DVP/RVP kollha għandhom l-istess valur. L-istess japplika għall-eżempji għat-tipi l-oħra ta' SIs.

- b) F'każ ta' nuqqas ta' saldu:
 - i) id-doppju tal-ammont ta' saldu ta' SI, fit-taqsima "nuqqas ta' twassil ta' titoli" (jekk ir-raġuni għan-nuqqas ta' saldu tkun in-nuqqas ta' twassil ta' titoli) jew
 - ii) id-doppju tal-ammont tas-saldu ta' SI, fit-taqsima "nuqqas ta' twassil ta' kontanti" (jekk ir-raġuni għan-nuqqas ta' saldu tkun in-nuqqas ta' twassil ta' kontanti)
- c) Fil-każ ta' SIs posposti minn parteċipant wieħed jew it-tnejn li huma:
 - i) l-ammont ta' saldu ta' SI, fit-taqsima "nuqqas ta' twassil ta' titoli", u
 - ii) l-ammont ta' saldu ta' SI, fit-taqsima "nuqqas ta' twassil ta' kontanti"

In-numru (volum) ta' par ta' SIs DWP/ RWP għandu jiġi rrapportat kif ġej:

- a) 2 SIs, fl-"istruzzjonijiet totali"
- b) F'każ ta' nuqqas ta' saldu:
 - i) 2 SIs, fit-taqsima "nuqqas ta' twassil ta' titoli" (jekk ir-raġuni għan-nuqqas ta' saldu tkun in-nuqqas ta' twassil ta' titoli) jew
 - ii) 2 SIs, fit-taqsima "nuqqas ta' twassil ta' kontanti" (jekk ir-raġuni għan-nuqqas ta' saldu tkun in-nuqqas ta' twassil ta' kontanti)
- c) Fil-każ ta' SIs posposti minn parteċipant wieħed jew it-tnejn li huma:
 - i) SI wieħed (1), fit-taqsima "nuqqas ta' twassil ta' titoli", u
 - ii) SI waħda (1), fit-taqsima "nuqqas ta' twassil ta' kontanti"

Eżempji:

- ✓ Struzzjoni DWP waħda (1) biex jingħataw 50 titolu u EUR 100, u struzzjoni RWP korrispondenti biex jiġu riċevuti 50 titolu u EUR 100
- ✓ Numru totali ta' SIs DWP/RWP = 10 (5 DWP u 5 RWP)
- ✓ Valur totali tat-titoli għal SIs DWP/RWP = EUR 1 000 (ibbażat fuq l-ammont tas-saldu)
- ✓ *Nuqqas ta' saldu:* Struzzjoni DWP waħda (1) biex jingħataw 50 titolu u EUR 100, u struzzjoni RWP korrispondenti biex jiġu riċevuti 50 titolu u EUR 100
 - a) nuqqas ta' saldu minħabba nuqqas ta' twassil ta' titoli
 - b) nuqqas ta' saldu minħabba nuqqas ta' twassil ta' kontanti
 - c) nuqqas ta' saldu minħabba li SIs ġew posposti minn parteċipant wieħed jew it-tnejn li huma (nuqqas ta' saldu minħabba nuqqas ta' twassil ta' titoli u nuqqas ta' saldu minħabba nuqqas ta' twassil ta' kontanti)

3) SIs DPFOD/CPFOD

Il-valur ta' par ta' SIs DPFOD/CPFOD għandu jiġi rrapportat kif ġej:

- a) Id-doppju tal-ammont tas-saldu ta' SI, fl-"istruzzjonijiet totali"
- b) Fil-każ ta' nuqqas ta' saldu (inkluż fil-każ ta' SIs posposti minn parteċipant wieħed jew it-tnejn li huma): id-doppju tal-ammont tas-saldu ta' SI, fit-taqsima "nuqqas ta' twassil ta' kontanti"

In-numru (volum) ta' par ta' SIs DPFOD/CPFOD għandu jiġi rrapportat kif ġej:

- a) 2 SIs, fl-"istruzzjonijiet totali"
- b) Fil-każ ta' nuqqas ta' saldu (inkluż fil-każ ta' SIs posposti minn parteċipant wieħed jew it-tnejn li huma): 2 SIs, fit-taqsima "nuqqas ta' twassil ta' kontanti"

Eżempji:

- ✓ Struzzjoni DPFOD waħda (1) biex jingħataw EUR 100, u struzzjoni korrispondenti tas-CPFOD biex jirċievu EUR 100
- ✓ Numru totali ta' SIs DPFOD/CPFOD = 10 (5 DPFOD u 5 CPFOD)
- ✓ Valur totali tat-titoli għal SIs DPFOD/CPFOD = EUR 1 000 (ibbażat fuq l-ammont tas-saldu)

- ✓ *Nuqqas ta' saldu*: Struzzjoni DPFOD waħda (1) biex twassal EUR 100, u struzzjoni CPFOD korrispondenti biex tirċievi EUR 100 (2 struzzjonijiet ta' saldu għal valur ta' 100 kull wieħed)
 - a) nuqqas ta' saldu minħabba nuqqas ta' twassil ta' kontanti
 - b) nuqqas ta' saldu minħabba li SIs ġew posposti minn parteċipant wieħed jew it-tnejn li huma (nuqqas ta' saldu minħabba nuqqas ta' twassil ta' kontanti)

4) SIs DFP/RFP

Il-valur ta' par ta' SIs DFP/RFP għandu jiġi rrapportat kif ġej:

- a) Id-doppju tal-valur tas-suq tat-titoli li għandhom jiġu kkonsenjati/riċevuti, fl-“istruzzjonijiet totali”
- b) Fil-każ ta' nuqqas ta' saldu (inkluż fil-każ ta' SIs posposti minn parteċipant wieħed jew it-tnejn li huma): id-doppju tal-valur tas-suq tat-titoli li għandhom jiġu kkonsenjati/riċevuti, fit-taqsimha “nuqqas ta' twassil ta' titoli”

In-numru (volum) ta' par ta' SIs DFP/RFP għandu jiġi rrapportat kif ġej:

- a) 2 SIs, fl-“istruzzjonijiet totali”
- b) Fil-każ ta' nuqqas ta' saldu (inkluż fil-każ ta' SIs posposti minn parteċipant wieħed jew it-tnejn li huma): 2 SIs, fit-taqsimha “nuqqas ta' twassil ta' titoli”

Eżempji:

- ✓ Struzzjoni DFP waħda (1) biex jingħataw 50 titolu (b'valur tas-suq ta' EUR 110), u struzzjoni korrispondenti tal-RFP biex jiġu riċevuti 50 titolu (b'valur tas-suq ta' EUR 110)
- ✓ Numru totali ta' SIs DFP/RFP = 10 (5 DFP u 5 RFP)
- ✓ Valur totali tat-titoli għal SIs DFP/RFP = EUR 1 100 (ibbażat fuq il-valur tas-suq tat-titoli)
- ✓ *Nuqqas ta' saldu*: Struzzjoni DFP waħda (1) biex jingħataw 50 titolu (b'valur tas-suq ta' EUR 110), u struzzjoni RFP korrispondenti biex jiġu riċevuti 50 titolu (b'valur tas-suq ta' EUR 110), (2 struzzjonijiet ta' saldu għal valur ta' EUR 110 kull wieħed)
 - a) nuqqas ta' saldu minħabba nuqqas ta' twassil ta' titoli
 - b) nuqqas ta' saldu minħabba li SIs ġew posposti minn parteċipant wieħed jew miż-żewġ parteċipanti (nuqqas ta' saldu minħabba nuqqas ta' twassil ta' titoli)

Data (għal kull jum ta' rapportar fix-xahar)

Tip ta' struzzjoni	Nuqqas ta' twassil ta' titoli								Nuqqas ta' twassil ta' kontanti							
	Struzzjonijiet saldati		Nuqqas ta' saldu		Total tal-istruzzjonijiet		Rata ta' nuqqas ta' saldu		Struzzjonijiet saldati		Nuqqas ta' saldu		Total tal-istruzzjonijiet		Rata ta' nuqqas ta' saldu	
	Volum	Valur (EUR)	Volum	Valur (EUR)	Volum	Valur (EUR)	Volum	Valur (EUR)	Volum	Valur (EUR)	Volum	Valur (EUR)	Volum	Valur (EUR)	Volum	Valur (EUR)
DVP/RVP (eżempju 1a – nuqqas ta' twassil ta' titoli)	8	800	2	200	10	1 000	20 %	20 %	8	800	0	0	10	1 000	0 %	0 %
DVP/RVP (eżempju 1b – nuqqas ta' twassil ta' kontanti)	8	800	0	0	10	1 000	0 %	0 %	8	800	2	200	10	1 000	20 %	20 %
DVP/RVP (eżempju 1c – iż-żewġ struzzjonijiet posposti)	8	800	1	100	10	1 000	10 %	10 %	8	800	1	100	10	1 000	10 %	10 %
DWP/RWP (eżempju 2a – nuqqas ta' twassil ta' titoli)	8	800	2	200	10	1 000	20 %	20 %	8	800	0	0	10	1 000	0 %	0 %
DWP/RWP (eżempju 2b – nuqqas ta' twassil ta' kontanti)	8	800	0	0	10	1 000	0 %	0 %	8	800	2	200	10	1 000	20 %	20 %
DWP/RWP (eżempju 2c – struzzjoni waħda jew it-tnejn posposti)	8	800	1	100	10	1 000	10 %	10 %	8	800	1	100	10	1 000	10 %	10 %
DPFOD/CPFO D (eżempju 3a – nuqqas ta')	8	800	0	0	10	1 000	0 %	0 %	8	800	2	200	10	1 000	20 %	20 %

<i>twassil ta' kontanti)</i>																
DPFOD/CPFO D (eżempju 3b waħda jew iż-żewġ struzzjonijiet posposti)	8	800	0	0	10	1 000	0 %	0 %	8	800	2	200	10	1 000	20 %	20 %
DFP/RFP (eżempju 4a – nuqqas ta' twassil ta' titoli)	8	880	2	220	10	1 100	20 %	20 %	8	880	0	0	10	1 100	0 %	0 %
DFP/RFP (eżempju 4b – waħda jew iż-żewġ struzzjonijiet posposti)	8	880	2	220	10	1 100	20 %	20 %	8	880	0	0	10	1 100	0 %	0 %

Anness III – Eżempju tal-kalkolu tat-tul ta' żmien medju tan-nuqqas ta' saldu

Ikkunsidra xahar ta' rapportar b'eżattament 4 tranżazzjonijiet li fallew matul diversi jiem, b'xi wħud mill-istruzzjonijiet ta' saldu parzjalment jiġu saldati f'xi jiem. B'mod aktar preċiż, ikkunsidra d-*data* li ġejja dwar dak in-nuqqas ta' saldu:

Rapportar ta' Kuljum dwar Nuqqas ta' Saldu ¹⁵							
Tranżazzjoni	M-1	Xahar ta' Rapportar (M)					M+1
	EOM ¹⁶	SOM ¹⁷	SOM+1	SOM+3	SOM+4	EOM	SOM
1	100	100	50				
2			40	40	10		
3				20			
4						85	85

Indikatur ta' jekk in-nuqqas ta' saldu seħħx fl- <i>ISD</i>							
Tranżazzjoni	M-1	Xahar ta' Rapportar					M+1
	EOM	SOM	SOM+1	SOM+3	SOM+4	EOM	SOM
1	IVA						
2			IVA				
3				IVA			
4						IVA	

Is-somma tan-nuqqas ta' saldu kollu fix-xahar ta' rapportar, jiġifieri $100 + 50 + 40 + 40 + 10 + 20 + 85 = 345$

Is-somma tan-nuqqas ta' saldu kollu fl-*ISD* fix-xahar ta' rapportar, jiġifieri $40 + 20 + 85 = 145$

It-tul ta' żmien tan-nuqqas ta' saldu fix-xahar ta' rapportar għandu jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon¹⁸ tagħhom, jiġifieri $345/145 = 2.4$

¹⁵ Nuqqas ta' Saldu skont il-Valur ikkalkolat għal, u rrapportat fir-Rapportar ta' Kuljum dwar Nuqqas ta' Saldu. Kun af li għal raġunijiet ta' ċarezza, il-jiem mingħajr nuqqas ta' saldu mhumiex inklużi fl-eżempju peress li ma għandhomx impatt fuq il-kalkolu.

¹⁶ Tmiem ix-xahar, jiġifieri l-aħħar jum ta' negozju tax-xahar li fih irid jiġi rrapportat in-nuqqas ta' saldu.

¹⁷ Bidu tax-Xahar, jiġifieri l-ewwel jum ta' negozju tax-xahar meta jrid jiġi rrapportat in-nuqqas ta' saldu.

¹⁸ Skont il-linja 41 tat-Tabella 1 tal-Anness I għall-RTS dwar id-dixxiplina tas-saldu, it-tul ta' żmien għandu jitqarreb sa punt wieħed deċimali.